# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021

**Rikors Numru 1509/21/2 TA**

**ProCare Ltd (C 71386)**

**vs**

**Central Procurement and Supplies Unit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta` ProCare (Soċjeta' rikorrenti) Ltd tat-13 ta' Ottubru 2021;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru 2013;

Rat in-nota tal-Awtorita' intimata tad-19 ta' Ottubru 2021;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors;

Rat li dawn il-proċeduri tħallew għal digriet in camera għal-lum meta għandu jkun ukoll determinat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1509/2021/1 fl-ismijiet premessi.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija talba li qed issir abbażi tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta anke jekk is-Soċjeta` rikorrenti ma tispeċifikax l-artikolu tal-liġi. Huwa taħt dan l-artikolu biss li jista' jitressaq ilment meta l-proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jkunu għadhom għaddejjin. F'dak l-artikolu hemm biss provdut għall-ordnijiet sabiex jkunu rimedjati xogħolijiet li jkunu saru bi ksur ta' ordni tal-Qorti. Dan jista' jkun anke bi ksur tal-ordni mogħtija bis-saħħa tal-artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Taħt l-Istitut tal-mandat ta' inibizzjoni d-disprezz lejn l-Awtorita' huwa biss peress fil-każ tal-artikolu 877 tal-Kap 12 inkwantu mandat ikun qiegħed jiġi mitlub biex jinibixxi persuna milli toħroġ minuri barra minn Malta. *Ubi lex voluit dixit* għalhekk fejn il-Qorti ma qalitux fi bnadi oħra ta' dan l-Istitut l-uniku disprezz li jista' jintalab huwa taħt titolu XVll tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u bil-proċedura stabbilita b'artikolu 1003A tal-istess Kap ta' liġijiet.

Fil-każ tad-disprezz irid jingħad ukoll, li dawn il-proċeduri għandhom minn natura ta' proċeduri penali u kwalunkwe **dubbju għandu dejjem jimmilta favur is-sokkombenti. Di fatti fis-Sentenza fl-ismijiet Catherine**

**Portelli vs Joseph Cachia et noe, Appell Kummerċjali tat-28 ta' Jannar 1991** ingħad li tali artikoli huma intiżi sabiex:

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn ilkazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn min-natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza (Artikolu 998 tal-Kap 12).*"

Iżda anke li kieku, dejjem għall-grazzja tal-argument, kellu jingħad mod ieħor, xorta waħda ma jistax li jingħad li kien hemm disprezz. Id-digriet li bih intlaqat it-talba provvisorja biex jinħareġ il-mandat fit-termini ta' artikolu 873(5) ma ġiex notifikat fit-8 Ottubru 2021. Mir-riferta tat-8 ta' Ottubru jirrisulta li l-marrixall mar biex jinnotifika wara nofs in-nhar u sab il-bieb magħluq. Il-Qorti tfakkar li l-Mandat ħareġ il-Ġimgħa fil-għaxija. Dan jista' jkun verifikat mir-riferta tal-mandat innifsu (a' fol 18 tergo). L-Awtorita' intimata ġiet notifikata formalment fil-11 ta' Ottubru 2021 meta l-pubblikazzjoni lamentata kienet laħqet saret fit-8 ta' Ottubru, 2021.

Dak li intqal fil-paragrafu ta' qabel dan, inkwantu jirrigwarda d-digriet tat-8 ta' Ottubru 2021, jgħodd ukoll għat-tieni talba. Il-Qorti ma tistax tordna lill-

Awtorita' intimata tagħmel dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti meta din ma kienitx għadha formalment notifikata kif trid il-liġi. Ħadd ma hu tenut li joqgħod għal ordni jekk dan ma kienx jaf biha. L-ordnijiet tal-Qrati mhux bħal liġi fejn tapplika l-massima ta' *ignorantia iurs nemo excusat.* Ordni trid tkun formalment notifikata biex titqies miksura. Għalhekk kull għemil qabel in-notifika, ma jwassalx għal dak li trid is-Soċjeta' rikorrenti.

Di piu' din il-Qorti ma setgħetx ma tieħux konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Awtorita' intimata, li permezz tagħha serrħet ras is-Soċjeta' rikorrenti fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2021, li pendenti il-proċeduri l-pretensjonijiet tagħha mhux ser ikunu minsusa.

**Provvediment**

Għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti kif mitluba fir-rikors odjern.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum 25 ta' Ottubru, 2021.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**